# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors Ġuramentat Numru 1107/19/1 TA**

**Radoslav Yurukov**

***v.***

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà` konvenuta minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Ottubru 2023 li biha sabet illi l-inċident tas-27 ta' Novembru 2017 - li fih korra l-attur - seħħ unikament tort ta' Joseph Psaila – xufier li kien impjegat mas-soċjetà` RockCut Limited li dakinhar tal-inċident irriversja trakk, proprjetà` tal-istess soċjetà`, għal fuq sieq ix-xellugija tal-attur. Peress li l-vettura in kwistjoni kienet assikurata mas-soċjeta` konvenuta meta seħħ l-inċident l-ewwel qorti kkundannat lill-istess soċjeta` sabiex tħallas kumpens lill-attur fl-ammont ta' tlieta u

erbgħin elf mitejn u sitta u erbgħin ewro (€43,246). L-appell jolqot is-sejbien ta' responsabbilta' u l-ammont ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »1. L-Attur huwa ta' nazzjonalita' Bulgara u ma jafx jitkellem bl-ingliż. L-Attur jgħid li fis-27 ta' Novembru 2017, waqt li kien qiegħed jaħdem fuq il-proġett tat-Tritoni fid-dħul tal-Belt, waqt li kien qiegħed jaħdem f'shaft irriversja għal fuqu truck bin-numru HAB 721, liema truck huwa proprjeta' tas-Soċjeta` Rockcut Limited, l-assigurata tas-Soċjeta` konvenuta. Huwa paċifiku bejn il-partijiet, li dan it-truck kien misjuq minn Joseph Psaila, inkarigat minn Rockcut Ltd.
>
> »2. Min-naħa l-oħra, is-Soċjetà` konvenuta issostni li l-fatti ma ġrawx kif jirrakonta l-Attur. Addirittura tikkontendi li l-Attur ma ntlaqatx, iżda meta t-Truck kien ġej bir-revers, dan resaq lura u waqa' fix-shaft. L-Attur jgħid li l-fatti kienu qegħdin jiġu murija kompletament bil-kuntrarju u l-verżjoni korretta hi dik li ta hu.
>
> »3. L-Attur weġġa' serjament il-qasba ta' siequ meta din inqabdet bejn it-truck u ix-xhaft inkwistjoni. Għalhekk kellu jagħmel din il-Kawża.«

3. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur talab lill-qorti sabiex:

> »1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-attur ġarrab ħsara u danni minħabba ħtija, traskuraġni, negliġenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti u mperizja da parti ta' Joseph Psaila impjegat ta' Rockcut Limited li saq il-vettura HAB 721 liema vettura jew truck hija assikurata ma GasanMamo Insurance Limited.
>
> »2. Tillikwida d-danni u l-ħsara mġarrab mill-attur, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
>
> »3. Tikkundanna lill-konvenut GasanMamo Insurance Limited bħala l-assikurazzjoni ta' Rockcut Limited iħallas id-danni u il-ħsara lill-attur minnha likwidata, bl-imgħax legali skond il-liġi.
>
> »...«

4. Fir-risposta maħlufa tagħha s-soċjeta` konvenuta ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

> »1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes billi l-inċident tat-traffiku li ġara fis-27 ta' Novembru 2017 ġewwa il-Furjana waqt li l-assikurat tal-kumpanija assikuratriċi konvenuta, Joseph Psaila, kien qed isuq it-truck b'numru ta' reġistrazzjoni HAB 721 ma ġarax tort u ħtija tal-imsemmi Joseph

Psaila, iżda ġara unikament tort u ħtija tal-attur, u dana kif sejjer jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

»2. Illi għal kull bon fini u bla preġudizzju għas-suespost qed jiġi rilevat illi l-attur ma' ippreżenta l-ebda dokumentazzjoni (anki qabel din il-kawża) insosten tal-allegazzjonijiet tiegħu, u cioe li huwa sofra danni konsegwenza ta' dan l-inċident u għalhekk u fil-waqt li l-esponenti qed jirriserva li iressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, xhieda ġodda u dokumenti relevanti skond il-każ qed wkoll jesiġi illi l-istess attur iressaq l-aħjar prova.

»...«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tilqa' l-ewwel talba Attriċi.

»Tilqa' it-tieni talba Attriċi u tillikwida d-danni imġarrba mill-Attur fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf mitejn sitta u erbgħin ewro (€43,246).

»Tilqa' it-tielet talba Attriċi u tikkundanna lis-Soċjeta` konvenuta qua soċjeta` assikuratriċi tas-Soċjeta` Rock Cut Ltd, tħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata, bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

»Spejjes tal-Kawża kollha a' karigu tas-Soċjeta` konvenuta.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»**Punti ta' Liġi**

»4. Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-azzjoni esperita hija dik naxxenti minn dik aquiliana.

»5. Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni:

»6. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta' culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias.

»7. F'dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142). L-

istess Sentenzi ikomplu jispjegaw li "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - Kollez. **Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll Kollez. **Vol. XLVIII. I. 258**).

»8. Fis-sentenza riportata fil-Kollez. **Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm il culpa:

»"*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*". Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D'Amato noe -vs Filomena Spiteri et deċiza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2003**, b'riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:-

»"*Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu` ta' liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` ċivili hi ravviżata fl-imġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali*".

»9. Fl-aħħar nett fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien eluċidat is-segwenti:-

»" *… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma' d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f'azzjoni ta' danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta' ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x'inhi l- "ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f'għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*"

»10. Issa x-xorta ta' prudenza u osservanza tal-liġijiet kollha hija applikabbli għal kull min bi ħsieb jew mingħajr jikkawża d-danni, indipendentement minn fiex ikun l-eżerċizzju tal-għemil jew eżerċizzju ta' xi sengħa. L-eżerċizzju tal-prudenza huwa partikolarment fis-sewqan ta' kull xorta ta' vetturi peress li dawn huma agħar minn arma li tista' toqtol jew tiddebilita'.

»**Konsiderazzjonijiet**

»11. Kif diġa` aċċennat, din il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet ta' kif seħħ l-inċident li jikkontradixxu lil xulxin. Meta dan ikun il-każ, ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex issib ħtija minħabba il-konflittwalita` u diverġenza tal-verżjonijiet. Il-Qorti għandha dejjem tfittex mill-provi li jkollha quddiemha liema waħda mill-verżjonijiet hija l-aktar verosimili. Jibda biex jingħad, li bħala prinċipju f'dan ir-rigward, imiss lill-konvenut iressaq il-provi għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-verżjoni tal-attriċi (reus in excipiendo fit actor) (ara **Sentenzi fl-ismijiet Raymond Cutajar - vs- Slipform Engineering International Limited, Qorti tal-Appell (Superjuri) 27 ta' Marzu 2020** u kif ukoll **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi, Qorti tal-Appell (Inferjuri) 12 ta' April, 2007)** Kif ikomplu jghallmu dawn il-Qrati li ... "*It-Tribunal jirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet kunfliggenti, ikollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza*" (Ara **Qorti tal-Appell, per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet Middlesea Insurance plc -vs- Paul u Maria Theresa konjugi Gauci**).

»12. Din il-Qorti ser tagħmel tagħha dan it-tagħlim, għaliex kieku mod ieħor faċilment jitwettqu inġustizzji ma' ħafna infortunati sempliċiment għaliex il-Qorti tiġi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, b'waħda minnhom mogħtija minn xi parti għaliex hekk ikun jaqblilha.

»*<u>Ir-responsabbilita` tal-inċident.</u>*

»13. Il-Qorti tibda mill-ewwel biex tgħid, li miż-żewġ verżjonijiet li ingħataw, temmen assolutament dik mogħtija mill-Attur u dan fid-dawl tal-inkonsistenzi tax-xhieda u provi imressqa mis-Soċjeta` konvenuta. Din tal-aħħar tipprova tagħti kredibbilita` lill-versjoni tagħha abbażi tax-xhieda tal-Pulizija li ħa r-rapport u warden li inzertat kienet f'dawk in-naħat tal-inċident. Saħansitra jingħad li din rat l-inċident iseħħ. Jibda biex jingħad li rapport f'ingliż orrur tal-Pulizija jgħid li l-inċident ġara hekk:

»"*The Police spoke to warden number 621, whom is duty in place re traffic management where <u>she stated that the van was reversing but at no time victim was hit by the van, however she confirmed that person listed as a victim got afraid that he might be run over by the van, and fell of the whole</u>*" (Emfażi tal-Qorti, a' fol 30 tergo). Din hija l-versjoni unika tas-Soċjeta` konvenuta ta' kif seħħ l-inċident.

»14. Dan ir-rapport ikompli jispjega li "*Police also spoke to person related, whom was driving the mentioned van, where he stated that he was reversing the van, where at one point he heard some screams, and when he checked he saw mentioned person in the whole. <u>He do not recall hitting him at the time</u>*" (a' fol 30 tergo). Kieku kellek toqgħod fuq dawn il-partijiet tar-rapport, mill-ewwel tasal għall-konklużjoni li l-Attur ma ġiex milqut. Imma l-verita` hija 'l bogħod minn hekk u kellu għalfejn l-Attur jissuspetta li ġiet fabbrikata storja biex it-tort jintefa' fuqu.

»15. Meta wieħed jifli ix-xhieda tal-ex-warden Number 621 Antoinette jiskopri li din hija għal kollox differenti minn dak imniżżel fir-rapport.

F'ebda ħin ma hija kategorika li rat l-inċident iseħħ daqs kemm jipprova jagħti x'jifhem ir-rapport (a' fol 185). Fuq mistoqsija diretta tal-Qorti jekk setgħetx tara l-inċident it-tweġiba tagħha kienet ċara ħafna : " ***Le** Jiena kont in-naha tal-gate in-naha tal-Phoenicia*" (a fol 186 Emfażi tal-Qorti). Jidher ċar li din iddeduċiet x'ġara mill-għagħa tan-nies u mhux b'dak li rat b'għajnejha, kif tipprova tagħti x'tifhem is-Soċjeta` konvenuta. Għal mistoqsija ta' Dr Harding "Jigifieri inti per se l-inċident ma rajtux?" u kategorikament terġa' twieġeb "**Le esatti sewwa ma rajtux** (a fol 186 tergo Emfażi tal-Qorti). Tikkonferma ukoll li l-vann kien qiegħed jirriversja lura.

»16. Qabel ma din il-Qorti tkompli tifli ix-xhieda tħoss li għandha tagħmel kumment għal mod kif saru l-investigazzjonijiet. Dawn huma għal kollox amatorjali. La ttieħdet il-verżjoni tal-Attur. Ħadd ma mar jarah l-isptar, la ttieħdu passi kontra s-sewwieq u l-anqas id-dettalji tal-vann ma ttieħdu. Min investiga qagħad assolutament fuq verżjoni waħda mingħajr ma ħa l-inizzjattiva li jsir jaf sewwa l-fatti kif seħħ l-inċident. Il-Qorti temmen li dawn in-nuqqasijiet huma frott apatija fl-investigazzjoni, għaliex altrimenti l-konsegwenzi jistgħu ikunu gravi.

»17. Min-naħa tiegħu l-Attur dejjem kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu. Fl-Affidavit tiegħu l-Attur jgħid li ma "*I did not hear the truck approaching me at any time*". (a' fol 22). B'referenza għall-Pulizija jgħid li "*They did not speak to me, not even asked me questions or try to make conversation.*" (a' fol 23). Marlon Hili uffiċjal tal-Pulizija jgħid li kellem lill-Attur, pero' ix-xhieda tiegħu hija waħda konfuża għall-aħħar għaliex f'mument minnhom anke kkonferma dak li qalet il-warden 621 (a fol 128 tergo). Di fatti fuq mistoqsija tal Qorti jekk kellimx lill-attur jwieġeb "***Le** lil xi hadd li kien hemm hekk*" (a fol 128 tergo. Emfażi tal-Qorti).

»18. Din tikkorrabora dak li qal fl-Affidavit l-Attur li lilu l-Pulizija ma kellmuhx. Dan il-Pulizija l-anqas ma mar Mater Dei ikellmu biex jieħu l-versjoni tiegħu u baqa' biss fuq x-xhieda li sab fuq il-post (a' fol 129). L-Attur fl-affidavit tiegħu jgħid li kemm dam l-isptar ħadd ma mar ikellmu, la l-Pulizija, la d-driver u lanqas rappresentanti ta' Rock Cut Ltd. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-mod kif ġie trattat l-Attur minn meta beda jaħdem Malta sa anke wara li weġġa' huwa każ ċar ta' għasar u armi. Il-mod xejn dinjituż u inuman kif ġie trattat huwa wieħed deplorevoli għall-aħħar.

»19. In-natura tal-ferita fil-qasba tas-sieq, hija wkoll kompatibbli mal-versjoni tal-Attur. Li kieku tassew waqa' fix-xaft kienu ikunu feriti oħrajn kompatibbli ma' waqgħa, bħal ma' huma feriti fir-ras u bnadi oħra tal-ġisem. Skont ir-rapporti mediċi, l-Attur għandu Diagnosis Comminute[d] left fibula fracture (a fol 31 rapport mediku dak in-nhar tal-inċident). Skont id-definizzjoni medika ta' xi tfisser din il-frażi, il-Qorti iltaqgħet ma' din id-definizzjoni: "*Comminuted fractures are a type of broken bone. The term comminuted fracture refers to a bone that is broken in at least two places. Comminuted fractures are caused by severe traumas like car accidents. You will need surgery to repair your bone, and recovery can take a year or longer.*" (emfażi tal-Qorti Cleveland **Clinic.Org** )

»20. Skont rapport ta' Massimo Abela: "*He was diagnosed with a severe crush injury to the left leg associated with a segmental fracture of the left distal fubula….was discharged from hospital on 17/1/08, approximately 8 weeks following his traumatic incident*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 36). Dan it-tabib jikkonferma ukoll li l-Attur "*…was unfortunate enough to develop a significant deep vein thrombosis in the left femoral vein and an extensive left sided pulmonary embolisim*" (a' fol 39 u a' fol 109 ċertifikat mediku u a' fol 148 rapport Dr. Fredrick Zammit Maempel). Konsegwenzi li jsemmi anke l-Attur fl-Affidavit tiegħu. Fir-rapport tiegħu, l-espert mediku tal-Qorti, Dr. Fredrick Zammit Maempel jgħid li l-Attur ġarrab ferita "*…konsistenti ma' 'crush injury' tar-rigel tax-xellug. Bhala risultat kiser l-ghadma tal-fibula u zviluppa 'compartment syndrome'*". (Emfażi tal-Qorti, a' fol 148). Dan ifisser li n-natura tal-ferita hija kompatibbli ma għafsa u tagħfiġ tal-qasba tas-sieq u mhux waqgħa kif tippretendi li ġara s-Soċjeta` konvenuta.

»21. Il-Qorti temmen bis-sħiħ għalhekk il-verżjoni tal-Attur, liema verżjoni qatt ma ttieħdet mill-Pulizija u li b'mod mill-aktar irresponsabbli tħalla fil-għamad mingħajr qatt ma kien infurmat b'xejn. L-inizzjattiva biex isir jaf esattament xi tniżżel fir-rapport ittieħdet mill-Attur. Di fatti fir-rapport hemm imniżżel hekk:

»"*The victim Yurokov Radoslav reported at the Valletta Police Station were he wanted update his report. Radoslav stated that during that day of the incident, he was working at the Triton Fountain with the company AM Consult and Trade Ltd. He works as builder and that time he was plastering a small shaft with one leg inside the shaft and the other was outside. He stated when the van reversed he couldn't escape the van.*" (a' fol 30 tergo). L-interpretu jgħid li meta ta r-rapport l-ewwel darba lill-Attur "*….he disagreed and he said he never spoke to Police. The Police took his Id card and they went to speak to the Supervisors.*" (emfażi tal-Qorti, a' fol 165 tergo). Fil-fatt jirrisulta li kien fis-6 ta' Ġunju 2018 meta r-rapport ġie aġġornat skond il-versjoni tal-Attur (a' fol 30 tergo u a' fol 23 Affidavit Attur). L-Attur l-anqas kien jaf minn fejn għandu jġib ir-rapport.

»22. Il-Qorti għalhekk temmen il-verżjoni tal-Attur. Dan ifisser li s-sewwieq tal-vann tassew irriversja u weġġa' lill-Attur . Fil-każ ta' sewqan bir-rivers il-Highway Code jissolleċita espressament hekk:

»"*80. Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you. Remember that when reversing and turning, the front part of your vehicle will protrude further out into the street.*

»*81. Do not reverse from a side road into a main road.*

»*82. If your view to the rear is restricted, get help when reversing.*

»*83. Do not reverse for a greater distance than is absolutely necessary.*"

»23. L-inċident seħħ f'żona li ma kienet qatt maħsuba biex minnha jgħaddu vetturi. Fil-fatt hija żona pedonali per eċċellenza. Imma huwa

minnu ukoll, li f'dak iż-żmien kienu qegħdin isiru xogħolijiet infrastrutturali li jippermettu d-dħul ta' vetturi inkonnessjoni max-xogħol li kien qiegħed jitwettaq. Għalhekk is-sewwieq tal-vann kien pjenament konsapevoli li din kienet żona li tippreżenta perikoli aktar evidenti minn dawk li ordinarjament ikun hemm f'toroq normali. Il-fatt li s-sewwieq daħal bil-vann kien ukoll konsapevoli li f'dik iż-żona kienu qegħdin isiru xogħolijiet li jistgħu jippresentaw ostakoli insoliti għall-aħħar, kif fil-fatt kien il-każ minħabba ix-shaft li kien qiegħed jaħdem fuqu l-Attur.

»24. Dan ifisser li l-grad tal-obbligu tal-proper look out kien ħafna aktar ogħla milli kieku kien qiegħed jagħmel il-manuvra tar-rivers fi triq. Deċiżjoni mogħtija minn qorti barranija spiss iċċitata mill-qrati lokali, hija dik fl-ismijiet **Neuhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** fejn l-obbligu li jinżamm 'a proper lookout' ġie mfisser bħala:

»"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*" (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imħallef Lawrence Mintoff tat-13 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet Mapfre Middlesea p.l.c. -vs- André Pio Catania**).

»25. Issa minn eżami tal-fatti s-sewwieq tal-vann ma ħa ebda prekawzjoni biex f'żona tant sensittiva jevita inċidenti bħal dak odjern. L-Attur jgħid, li f'ebda ħin ma sema' lill-vann ġej. Is-sewwieq jgħid li waqaf meta sema lill-Attur jgħajjat u meta ovvjament kien tard wisq. La daqq hornijiet u l-anqas kellu xi sistema sonorja li tavviża sewqan bir-rivers.

»26. Dwar sitwazzjoni bħal din, il-Qrati tagħna jgħallmu hekk:

»"*Illi in tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju assodat fis-sewqan li kull sewwieq għandu jżomm a proper look out waqt li qed isuq. Dan ifisser li għandu jara what is in plain view u jsuq b' dik id-diliġenza dettata miċ-ċirkostanzi li jkun fihom. Multo magis meta s-sewwieq ikun qed jagħmel manuvra ta' rivers. F' dan il-każ il-grad ta' diliġenza tiegħu huwa akbar fis-sens li jrid juża aktar attenzjoni u jkun qed iżomm a proper look out fid-direzzjoni li tkun miexja l-vettura. Huwa għandu d-dover li jassigura kontinwament li sakemm il-vettura tiegħu qeda miexja, kemm jekk miexja l' quddiem kif ukoll jekk miexja lura, li ma joħloqx perikolu jew ħsara għal min ikun jinserta f'dik il-parti tat-triq.*" (Emfażi tal-Qorti, Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Noel Cuschieri tat-13 ta' Frar, 2004 fl-ismijiet David Warrington nomine et -vs- Ignatius Paul Demicoli**).

»27. Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet din il-Qorti mingħajr ebda esitazzjoni ssib, li s-sewwieq tal-vann kien responsabbli għall-inċident fit-termini tal-provvedimenti legali ċitati aktar 'l fuq. Ergo s-Soċjeta` assigurata tas-Soċjeta` konvenuta għandha twieġeb għad-danni li bħala tali għandhom jitħallsu minnha.

»*<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>*

»28. Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

»29. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

»30. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

»"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja.*

»*Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

»<u>*Damnum emergens*</u>

»31. Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti u kwantu għal telf effettiv jirrisultalha is-segwenti:

»▪ Spejjes ta' Mr Massimo Abela tliet mija u ħamsin ewro (€350).

»▪ Removal of plates mija u disgħa u għoxrin ewro (€129).

»▪ Rijabitalazzjoni ħamsin ewro (€50).

»▪ Kellu paga ta' €6.50 is-siegħa (a' fol 230). Kien jaħdem għaxar sigħat kuljum li jammontaw għal €455 fil-ġimgħa. Dam tmien ġimgħat ma jaħdimx u tilef għalhekk l-ammont ta' tlett elef sitt mija u erbgħin ewro (€3,640).

»▪ Mediċina bl-isem ta' Horero €160 il-pakkett ta' xahar x 6 =disgħa mija u sittin ewro (€960) (a' fol 23).

»32. Dan ifisser li bħala telf effettiv l-ammont huwa dak ta' ħamest elef mija disgħa u għoxrin ewro (€5,129).

»<u>*Lucrum cessans*</u>

»33. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak insenjat mill-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili per Imħallef Anthony Ellul, fil-kawża Gużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008**:

»"*Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat:*

»'*Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita` permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u 25 diversi sentenzi oħra in materja.'*"

»34. Sewwa qalet **il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Susanne Davis et vs Anthony Galea deċiża fl-10 ta' Ottubru 1997** li "*Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita` mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita` hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur.*"

»35. Din hi r-realta`, minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qiegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat. F'dan il-kuntest l-istess **Qorti fil-kawża Joseph Caruana vs Joseph Gafa deċiża fid-29 ta' Mejju 1998** reġgħet ikkonfermat li:

»"*Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita` jimponu teorija li teżigi li kull tip ta' disabilita` permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha.*" Fil-kawża li diġa` saret riferenza għaliha fl-ismijiet Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et, jingħad: "*Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta' diżabilita` għandu jxejjen il-possibilita` li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta' diżabilita` li jiġi stabbilit permezz ta' esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.*" Proposta li biha jiġi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta` l-ħsara kellhiex effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapaċita` li jkun sofra.

»36. Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta' sentenzi li l-qorti tqis li huma rilevanti:-

»a) **Joseph Smith vs Peter Grech deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995**, id-danneġġjat kellu 67 sena u minkejja l-ġrieħi li sofra xorta "*…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni bl-increments kollha tagħha.*" Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla "danni futuri anke f'każ li dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti."

»(b) **Francis Farrugia vs David Darmanin deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002.** Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita`. Il-qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat: "*Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tiegħu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xogħol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem.*" Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita` kienet biss ta' 1% u ma kinitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.

»c) **Saviour Sammut et vs Robert Demanuele deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002**. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.

»(d) **Sylvia Rosso vs Etienne Galea deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003**. Fil-jum ta' l-inċident l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: "*Illi l-attriċi wriet li, għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih.*" Il-Qorti għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taħt it-titlu ta' lucrum cessans.

»(e) **Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007.** Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-inċident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita` li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bażi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.

»(f) **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004**. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-inċident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-Qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "*l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….*". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta` avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti tal-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri.

»37. Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta hi tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi." L-awtur taljan Torrente jsostni li "la valutazione del danno puo` essere laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo." (Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652).

»38. Dawn is-sentenzi kollha jistabilixxu li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuq dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Bħal ma persuna ta' eta` żgħira li pero` tkun afflitta b'multipliċita` ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja imnaqqsa, hekk ukoll persuna li jkollha eta` pjuttost avvanzata minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel akkadut jista' jkollha din l-aspettattiva prolonguta lil hinn mill-eta` ta' 65 sena.

»39. Il-Qorti tqis li l-Attur, qabel l-inċident kien għadu f'saħħtu minkejja l-eta` ta' 60 sena u li kien jidher li ser ikompli jaħdem. Għalhekk il-multiplier li ser tuża l-Qorti fiċ-ċirkostanzi huwa dak ta' tmienja u sittin sena. Kwantu għall-lump sum payment, stante li l-Kawża ilha pendenti għal aktar minn tliet snin għalhekk l-ammont ta' tmintax fil-mija (18%) lump sum payment għandu jkun adegwat.

»40. Kwantu għall-perċentwal ta' disabilita` permanenti, il-Qorti ser tadotta il-perċentwal ta' 20% kif stabbilit mill-espert tagħha (a' fol 149).

»41. Bħala entrojtu il-Qorti ser tqis li l-Attur kien jaqla' circa erbgħa mija u ħamsin ewro (€450) fil-ġimgħa (ara supra). Dan ifisser li kellu entrojtu annwali ta' tlieta u għoxrin elf u erbgħa mitt ewro (€23,400) fis-sena. Hija tal-mistħija, kif min kien iħallsu qatt ma ħareġ payslips. Di fatti dawn ma ġewx esebiti mill-Attur għaliex qatt ma rċevihom u lanqas ġew esebiti mis-Soċjeta` konvenuta għaliex presumibilment l-assigurat tagħhom qatt ma ħariġhom.

»42. Kif ingħad, l-Attur minkejja l-eta` tiegħu, kien għadu attiv. Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni li meta persuna tkun ta' ċerta' eta` u tkorri, il-korriment iġib miegħu aktar komplikazzjonijiet minn meta dak li jkun għadu f'eta` iżgħar u di piu` iċċaħħad lill-persuni mill-ftit pjaċiri limitati li ġġib magħha eta` avvanzata. L-awtur **John Munken fil-ktieb Munken on Damages for personal Injuries and Death** jagħmel referenza għas-Sentenza ingliża fl-ismijiet ta' Frank -vs- Cox tal-1967 u jikkwota lil Sachs li jgħid hekk:

»"*I take the view that when one has a person in advancing years, in some respect of impairment of movement may perhaps be more serious than it is with a younger person. It is true that he has not got as many years before him through which he has to live with this discomfort, pain and impairment of movement. But it is important to bear in mind that as one advances in life one's pleasures and activities particularly become more restricted and any substantial impairment in the limited amount of activity and movement which*

*person could undertake, in my view, becomes all the more serious on that account*" (**Munken 12th Edition, Lexis Nexis, pg 52 para 6.33**).

»43. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Attur kellu l-eta` ta' 60 sena. Sal-lum għadu juża l-krozzi. Kellu ċirkostanzi aggravanti bħal ma kienet it-trombosi li hija theddida serja għall-ħajja (a' fol 39). It-tabib maħtur minn din il-Qorti josserva hekk:

»"*B'konklużjoni, Yurakov spiċċa għandu riġel li baqa' ftit minfuħ, li għandu ebusija fl-għaksa minħabba li qed jiżvilluppa artrite (speċifikament tilef il-ħila li jtella l-pala 'l fuq kif wieħed jagħmel meta jimxi f'telgħa jew jitla' tarag) u li inbidlet id-dinamika ta' tgħobbija tal-pala u ġie jitfa' l-piż fuq il-ponta tas-sebgħa l-kbir u t-tieni wieħed. Dan klinikament ġie tradott f'nuqqas ta' bilanċ u zappip apparti mill-iskomodu jew uġiegħ taħt is-swaba'.*" (a' fol 149).

»44. Issa din il-Qorti temmen, li l-mod kif dawn il-Qrati jikkalkulaw id-danni huwa wieħed marbut ma' matematika konċepita matul iż-żmien fuq il-prinċipji stabbiliti fil-każ ta' Butler -vs- Hurd. Imma hemm aspett ieħor li ma jistax ikun injorat: l-effett ta' diżabilita` fuq il-kwalita` tal-ħajja tad-danneġġjat bħal ma huwa l-uġiegħ fiżiku u propensita` ta' aggravji mediċi oħrajn maż-żmien b'konsegwenza tal-inċident, bħal f'dan il-każ l-artrite.

»45. Il-ġustizzja titlob, li anke f'dan ir-rigward, il-Qorti għandha tagħti somma li tkun fil-limiti ta' dak li huwa raġjonevoli biex tpatti għal dan. Wara kollox, il-prinċipju li jiggwida lil din il-Qorti huwa dak li kemm jista' jkun tqiegħed lid-danneġġjat fl-istat li kien ikun fih li kieku ma issubixxiex l-inċident, konsonanti mal-prinċipju tar-restitutio ad integrum. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tistabilixxi din is-somma arbitrio boni viri fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5000).

»46. Dan ifisser hekk: €23,400 (Salarju annwali) x 8 (aspettativa tal-ħajja lavorativa) = €187,200 - 18% (lump sum payment) = €153,504. 20% (perċentwal diżabilita`) ta' €153,504 = €30,700 + €5000 (integrita` fiżika) = €35,700. Ma' dan l-ammont irid jiżdied l-ammont l-ieħor ta' telf attwali u ċioe` ħamest elef mija disgħa u għoxrin ewro (€5,129). Għalhekk l-ammont sħiħ ta' danni huwa dak ta' erbgħin elf tmien mija disgħa u għoxrin ewro (€40,829).

»47. Fl-aħħar nett il-Qorti temmen, li għandha wkoll tieħu kont li flejjes li ser jingħataw illum huma soġġetti għall-erosjoni fil-valur minħabba l-inflazzjoni fit-tmien snin li ġejjin. Għalhekk ikun xieraq li dan l-ammont jiżdied b'6% biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni. Dan ifisser li jrid jiżdied mal-ammont finali dak ta' €2,417 biex b'kollox l-ammont li qed ikun likwidat huwa dak ta' tlieta u erbgħin elf mitejn sitta u erbgħin ewro (€43,246).«

7. Is-soċjeta` konvenuta appellat b'rikors tat-3 ta' Novembru 2023 li għalih wieġeb l-attur fid-29 ta' Frar 2024.

8. Nibdew bl-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta li bih issostni li jeżistu raġunijiet serji biżżejjed sabiex din il-qorti tiddipartixxi mill-konklużjoni li wasslet għaliha l-ewwel qorti fis-sens li l-inċident tas-27 ta' Novembru 2017 seħħ unikament tort tas-sewwiq tal-vettura (trakk) bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 721, proprjetà` tas-soċjeta` RockCut Limited.

9. Skond is-soċjeta` konvenuta l-attur ma ressaqx biżżejjed provi sabiex juri li l-inċident in kwistjoni seħħ unikament tort tas-sewwiq tal-imsemmi trakk (Joseph Psaila). Jgħid li mill-atti proċesswali – b'mod partikolari mir-rapport tal-Pulizija Marlon Hili, mix-xhieda tal-istess Pulizija u mix-xhieda mogħtija mill-*ex Warden* bin-numru 621 Antoinette Mifsud - jirriżulta illi l-inċident *de quo* seħħ unikament tort tal-attur peress li dan "*mexa lura u waqa' fix-shaft mingħajr ma' ħares fejn kien sejjer u dana sar mingħajr ma ġie milqut minn l-ebda vettura.*" Is-soċjeta` konvenuta tinsisti illi l-ewwel qorti kien imissha straħet fuq il-provi hawn fuq imsemmijin peress li huma l-uniċi provi indipendenti u l-aktar provi kredibbli fiċ-ċirkostanzi.

10. Fl-aħħar parti tal-ewwel aggravju tagħha s-soċjeta` konvenuta żżid tgħid illi anke likieku s-sewwiq tat-trakk bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 721 (Joseph Psaila) rriversja fuq sieq l-attur "*ma' kien hemm l-ebda sinjal li isservi bħala pre-avviż lil Psaila li kienu qed isiru xogħlijiet f'dik il-parti... jekk dak li qed jgħid ir-rikorrenti huwa minnu, ma' setax waqt li kien qed jagħmel din il-manuvra jintebaħ b'din il-persuna li kienet mixħuta mall-art b'parti ta' ġisimha barra mix-shaft.*" [1]

11. L-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta ġie mfisser hekk:

---

[1] Ara paġna 4 tar-rikors tal-appell

»Illi b'riferenza l-inċident, meritu ta' dawn il-proċeduri, liema inċident ġara fis-27 ta' Novembru 2017 fil-limiti tal-Belt Valletta (ħdejn il-funtana tat-Tritoni), waqt li l-istess Rikorrenti kien qed jagħmel xogħlijiet manwali ħdejn l-istess funtana tat-Tritoni. Dak il-ħin ir-rikorrenti li huwa ta' nazzjonalita` Bulgara u li kellu 60 sena kien qed, skond hu, jagħmel xi xogħolijiet ġo shaft żgħir f'dik il-lokalita`. Ir-Rikorrenti fl-affidavit tiegħu sostna illi huwa ġie milqut mit-truck meta ħareġ siequ mix-shaft u ġie milqut mill-vettura misjuqa minn Psaila. Minn naħa l-oħra PS Marlon Hili u Warden Antoinette Mifsud qed jsostnu illi l-inċident ġara meta ir-Rikorrenti mexa lura meta ra l-vettura ta' Psaila ġejja u waqa fix-shaft.

»F'dawn il-proċeduri r-Rikorrenti ma' ressaq l-ebda persuna li kienet preżenti meta seħħ u ra l-inċident biex jirribattu l-verżjoni tax-xhieda mgħotija minn PS Marlon Hili u Antoinette Mifsud, u liema persuni skond ir-Rikorrenti kienu diversi. Skont ir-Rikorrenti dawn ix-xhieda okkulari kienu fuq il-post tal-inċident meta seħħ l-inċident biex b'hekk jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu. Dawn il-persuni li huma elenkati fil-lista tax-xhieda tiegħu indikati b'numru 3,4,10,13,14,15,16 lanqas ma' huma imsemmija fir-Rapport tal-Pulizija.

»Huwa interessanti li wieħed jinnota illi għalkemm ir-Rikorrenti qal fl-affidavit tiegħu (Dok B datat 5/10/2019) li kien hemm xi ħaddiema oħra li raw l-inċident u li dawn offrew xi forma ta' assistenza, l-ebda wieħed minnhom ma' ġie prodott bħala xhud biex jirribatti dak li qal PS Marlon Hili, li kien investiga l-inċident u li niżżel fir-Rapport tiegħu, u l-Warden 621, Antoinette Mifsud dwar kif ġara l-inċident (aktar dwar ix-xhieda tagħhom il-quddiem), ħlief ċertu Stoilov Angel Spasov (fil-lista tax-xhieda Nru 11) li għalkemm ippreżenta affidavit naqas milli jippreżenta ruħhu biex isir kontro-eżami tiegħu. Dan l-affidavit ġie sfilzat kif ordnat il-Qorti fil-Verbal tagħha tat-12 ta' Frar 2020 (fol 13).

»Ir-Rikorrenti lanqas ma' ressaq rappreżentanti jew l-*foreman* tal-kumpanija Rock Cut Limited, li kienet qed tagħmel u teżegwixxi dawn ix-xogħolijiet. Lanqas ma ipprovda xi dokumentazzjoni mingħand il-kumpanija Bulgara, li magħha kien impjegat u kien għamel il-ftehim li jaħdem f'Malta, biex jeżebixxu kull dokumentazzjoni relatata ma' dan l-inċident.

»Immedjatament wara l-inċident r-Rikorrenti tkellem mas-surġent tal-Pulizija Marlon Hili u dana tramite interpreti Bulgari li kienu fuq il-post tal-inċident. Skont l-istess rapport (ara Rapport Dok D Pag 2)

»*"The Police went immediately on site, where they spoke to the person listed as a victim where he stated that he was walking, where noticed a van which was reversing, and he thought same van will not stop, he went back to avoid the van and fell of a manhole" (sic).*

»Huwa interessanti li wieħed jinnota illi biex jirribatti dak li r-Rikorrenti qal a tempo vergine lil PS Marlon Hili dwar kif kien ġara l-inċident, ftit jiem wara l-inċident huwa tkellem mal-Pulizija u biddel il-verżjoni tiegħu. F'dawn il-proċeduri r-Rikorrenti qal li dak li kien imniżżel fir-Rapport tal-Pulżija kien "*all invented and not true*" u kien għalhekk li huwa biddel il-verżjoni tiegħu ta' kif ġara l-inċident. A skans ta' ripetizzjoni, ir-Rikorrenti għamel din it-tieni verżjoni mingħajr ma'

ressaq lil ebda persuna li kienet hemm fuq il-post tal-inċident biex jispjega kif ġraw l-affarijiet u sabiex jirribatti dak li kien ġie rapportat fir-Rapport tal-Pulizija u dak li kienet qalet il-Warden (Nru. 621) Antoinette Mifsud lill-Pulizija.

»F'dan ir-rigward l-appellant qed jagħmel referenza għall-ġurisprudenza lokali fejn il-Qrati tagħna dejjem kkonsidraw illi stqarrija li tingħata a tempo vergine hija importanti fis-sens illi dik

»*"il-verżjoni li s-sewwieqa jgħatu lill-pulizija a tempo vergine hija l-iktar waħda kredibbli għaliex tingħata spontanjament mingħajr ma sewwieq jkollhom ċans jaħsbu, jintebħu b'ċertu affarijiet, jitkellmu ma' terzi konsegwentement ivarjaw il-verżjonijiet tagħhom kif jaqbillhim"* Andrew Ciantar vs Joseph Coleiro 13/7/01

»Vide wkoll **Joanne Borg vs Michael Mizzi 22/10/02** fejn intqal –

»*"Ġeneralment fatturi relevanti għal kolliżjoni jirriżultaw mir-rapport mgħamul mill-Pulizija a tempo vergine"*

»Inoltre u mix-xhieda tal-Pulizija u l-warden Nru. 621 il-verżjoni li taw huma hija ferm aktar verosimili ta' kif ġara l-inċident li jikkonferma illi l-vettura qatt ma laqat lir-Rikorrenti, iżda li kien li l-istess Rikorrenti mexa lura u waqa' fis-shaft bil-konsegwenza li huwa korra. Ta' min isemmi illi l-verżjoni li ingħatat mir-Rikorrenti f'dawn il-proċeduri u fl-affidavit tiegħu mhiex waħda plawsibbli u lanqas ma' ġiet ikkoraborata minn ebda xhud.

»Dwar l-inċident xhedu tliet persuni, ilkoll imressqa mill-Appellant u cioe, r-Rikorrenti Yurokov (in kontro eżami li biddel il-verżjoni tiegħu), is-surġent tal-Pulizija Marlon Hili (li investiga l-inċident) u l-Warden Antoinette Mifsud li rat l-inċident billi hija kienet stazzjonata fejn ġara l-inċident.

»Ta' min jinnota illi l-lokalita` ta' fejn ġara l-allegat inċident kienet diversi xhur, fosthom fis-27 ta' Novembru 2017 "sit ta' kostruzzjoni" b'ħafna persuni jaħdmu fiha u traffiku industrijali konsistenti f'trucks deħlin f'din il-lokalita`. Tant kien hemm traffiku dieħel u ħiereġ illi kien hemm warden Antoinette Mifsud (Nru. 621) stazzjonata biex tidderieġi d-dħul u ħruġ ta' dawn il-vetturi u inġenji li kien hemm fis-sit ta' kostruzzjoni. Fix-xhieda tagħha mogħtija fis-6 ta' Marzu 2023 (Fol. 185 et) hija spjegat illi hija kienet responsabbli għat-traffic management.

»Fix-xhieda tagħha u dwar kif ġara l-inċident hija ikkonfermat wara li ġiet mistoqsija mill-Qorti jekk il-vann kienx laqat lir-Rikorrenti billi qalet hekk:

»*"Ma naħsibx li laqtu, le"* Fol 186

»Fuq domanda tal-Qorti u billi hija ma' kienitx viċin ta' fejn ġara l-inċident *"Allura kif tista tgħid ma' naħsibx li laqtu? Kif tafu dan?"* l-istess warden wieġbet hekk

»"għax hekk rajtu jien"

»B'referenza għal dak li għamel is-sewwieq Psaila, hija qalet hekk:

»*"Kif għajtu n-nies hu waqaf"*

»Din ix-xhieda tal-Warden Nru. 621 Antoinette Mifsud hija ikkonfermata f'dak li hemm reġistrat fir-Rapport tal-Pulizija meta hija qalet a tempo vergine dak li hija rat lill-Pulizija

»*"she confirmed that the person listed as the victim got afraid that he might be run over by the van and fell of the hole (sic)".*

»Fix-xhieda tiegħu PS Marlon Hili fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021 ikkonferma illi Antoinette Mifsud kienet ikkonfermat miegħu illi "*fl-ebda ħin il-vann kien laqtu*"

»Dana ifisser u juri bl-aktar mod ċar, illi dak li qed jgħid Yurukov, li ħareġ siequ mis-shaft ġie milqut mhux minnu u li l-verżjoni vera l-inċident u aktar verosimili ġara meta Yurokov ra l-vettura tirriversja biex b'hekk jevita huwa mexa lura u waqa fix-shaft.

»L-istess xufier tal-vettura, Joseph Psaila, meta ġie mistoqsi mill-pulizija ammetta illi huwa kien qed jirriversja imma skond l-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa kompla jgħid hekk:

»*"He do not recall hitting him at any time" (sic)*

»Imħabba illi Joseph Psaila ma setax jiġi intraċċat huwa ma setax jattendi il-Qorti biex jixhed f'dawn il-proċeduri u għalhekk l-esponenti qed tagħmel referenza għal dak li hemm riprodott fir-Rapport tal-Pulizija.

»Jekk wieħed jinnota r-Rikorrenti qatt ma semma illi għalkemm hu kien qed jaħdem mal-art f'passaġġ possibilment karreġjabli, u li dan billi il-lok ta' fejn kien qed isiru x-xogħlijiet kien kollu *construction site* mingħajr l-ebda toroq speċifiċi. Dan ix-xogħol min-naħa tar-Rikorrenti kien qed isir ġo xi shaft, fejn ma kienu tpoġġew l-ebda *bollards* jew sinjali oħra biex jirregolaw u javżaw sewwieqa illi kien qed isiru xogħlijiet minn persuna f'dik il-lokalita` u viċin ta' dan ix-shaft; għalhekk u jekk għal grazzja tal-argument Joseph Psaila rriversja u laqat lir-Rikorrenti ma kien hemm l-ebda sinjal li sservi bħala pre-avviż lill Psaila li kienu qed isiru xogħolijiet f'dik il-parti. Joseph Psaila, jekk dak li qed jgħid mir-rikorrenti huwa minnu, ma' setax waqt li kien qed jagħmel din il-manuvra jintebaħ b'din il-persuna li kienet mixħuta mal-art b'parti ta' ġisimha barra mix-shaft.

»L-obbligu li jitpoġġew dawn il-bollards / sinjali ħdejn ix-shaft kienet biss tar-Rikorrenti u li f'każ li ma kinux hemm, li jitlob lir-Rockcut Limited li jitpoġġew qabel ma beda jaħdem. Ir-Rikorrenti kellu obbligu li jaċċerta ruħhu illi huwa seta' jeżegwixxi x-xogħol tiegħu taħt kundizzjonijiet sikuri.

»B'hekk kull vettura jew makkinarju li kien tintuża f'dan is-sit kien ikun avżata bil-preżenza ta' dan ix-shaft.

»Dana r-Rikorrenti ma' għamlux u għalhekk, anki jekk kif qed jgħid r-Rikorrenti kif seħħ l-inċident, huwa u huwa biss kien responsabbli għall-akkadut minħabba li naqas milli javża l-presenza tiegħu meta huwa kien moħbi u ma kienx "in plain view" tas-sewwieq, Joseph Psaila.

»Minn dawn il-provi, anke jekk kunfliġġenti, joħroġ ċar illi Yurukov biddel il-verżjoni tiegħu biex b'hekk mhux biss hemm taħwid fix-xhieda tiegħu imma wkoll kontradizzjonijiet; kif ukoll hemm il-fatt li naqas milli jipproduċi prova importanti bħalma huma xhieda okulari – xejn ma jagħtu kredibilta` lir-Rikorrenti. Kien fl-interess tar-Rikorrenti li jressaq ix-xhieda okulari li huwa semma li kienu preżenti biex jixhdu u jikkonfermaw, jekk kien il-każ, illi dak li niżżel fir-rapport tiegħu PS Marlon Hili kien "*invented but not true*". Iżda dana m'għamlux. Ix-xhieda ta' PS Marlon Hili u Warden Antoinette Mifsud, li huma xhieda indipendenti, hija waħda konsistenti u kredibli. Għalhekk fil-fehma tal-esponenti l-ewwel Qorti kienet skorretta meta waslet għal konklużjoni illi l-inċident ġara tort ta' Joseph Psaila għax il-fatti u anki x-xhieda, prodotti mill-esponenti, Appellant, juru bl-aktar mod ċar mod ieħor.

»M'hemm l-ebda dubju ta' xejn illi l-inċident ġara meta r-Rikorrent appellat mexa lura u waqa fix-shaft mingħajr ma ħares fejn kien sejjer u dana sar mingħajr ma ġie milqut minn l-ebda vettura.«

12. Dan l-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta huwa legalment infondat – anzi jirrażenta l-fieragħ - u għaldaqstant mhux ser jintlaqa'.

13. Fil-fehma ta' din il-qorti m'hemm l-ebda raġunijiet serji sabiex tbiddel l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel qorti u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:

14. Fl-ewwel lok, l-attur appellat dejjem kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident mertu tal-każ tallum u din il-qorti m'għandha l-ebda raġuni sabiex tiddubita mill-verżjoni tal-fatti hekk kif rakkontati minnu.

15. L-attur jgħid li fis-27 ta' Novembru 2017 hu kien qed jaħdem ġewwa *shaft* ġo Pjazza Tritoni l-Furjana[2] u għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara

[2] L-attur kien liebes ilbies protettiv meta seħħ l-inċident. Ara *foll*. 23, 165. Ix-*shaft* kien wiesgħa 0.8 metri, kellu tul ta' 0.8 metri u kien fond 0.3 metri

nofsinhar [3], wara li lesta mix-xogħol li kellu jagħmel għal dakinhar, ħareġ siequ mill-imsemmi *shaft* – dik tan-naħa tax-xellug – u fil-pront irriversja trakk fuq siequ u sussegwentement waqa' ġox-*shaft* hawn fuq imsemmi.

16. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami matul is-seduta tal-ewwel qorti tal-11 ta' Jannar 2023 l-attur jgħid hekk:

> »Xhud: This happened like this. My both legs were inside the shaft when I was mentioning I turn around and I put one of my legs outside of the shaft to go out, and the left leg that I put out of the hole of the shaft, I come backwards and the truck was coming back and went on my leg.
>
> »...
>
> »Xhud: I finished the work in the shaft and I was taking my leg out of the shaft to go out of the shaft.
>
> »...
>
> »Interpretu: He said that he look around, by the time he takes his tools from the shaft to prepare to go out, because then he cannot reach them he took one of his legs out and the truck was backing up and he squashed his leg.« [4]

17. Minbarra li l-verżjoni tiegħu ġiet ikkorroborata mix-xhud okulari Stoilov Angel Spasov [5] din hija wkoll waħda kredibbli fiċ-ċirkostanzi peress li t-tiġrib li sofra *i.e.* '*crush injury*' jew '*severe crush injury*' tar-riġel tax-xellug [6] huwa kompatibbli ma' inċident fejn siequ tgħaffġitlu minn trakk. Fil-fatt id-definizzjoni ta' *crush injury* hija din:

> »Crush injury occurs as a result of direct physical crushing of the muscles by a heavy weight and usually involves compression of the

---

[3] Ara r-rapport tal-Pulizija PS 115 Marlon Hili a *foll*. 30 *et seq*
[4] Ara *foll*. 165, 166
[5] Il-verżjoni li tah l-attur ta' kif seħħ l-inċident in kwistjoni ġiet ukoll ikkonfermata mix-xhud okulari Stoilov Angel Spasov, kollega tal-attur li kien qed jaħdem fl-istess *shaft* dakinhar tal-inċident (ara *fol*. 16). M'hu veru xejn dak li ssostni s-soċjeta` intimata li dan l-affidavit ġie sfilzat peress li dan ix-xhud naqas milli jippreżenta ruħu biex isir il-kontro-eżami tiegħu (ara paġna 2 tar-rikors tal-appell)
[6] Ara *foll*. 36, 148

legs, arms, and / or trunk. Crush injuries are typically associated with accidents but can occur in non-traumatic patients as well... ... ...« [7]

18. Is-soċjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda provi li juru li l-ġrieħi serji li sofra l-attur bħala konsegwenza tal-inċident huma kompatibbli ma' waqa' fix-*shaft* in kwistjoni. [8] Anzi, mill-provi prodotti u mir-riċerka li għamlet din il-qorti jirriżulta b'mod ċar illi dan it-tiġrib m'huwiex kompatibbli ma' waqa' iżda jista' jirriżulta biss meta oġġett tqil jgħaffeġ parti mill-ġisem – f'dan il-każ, sieq ix-xellugija tal-attur.

19. Fir-rikors tal-appell tagħha s-soċjeta` konvenuta tgħid ukoll illi din il-qorti jmissha tistrieħ fuq il-verżjoni tal-fatti fir-rapport tal-Pulizija PS 114 Marlon Hili a *foll*. 30 *et seq* tal-proċess u fuq dik mogħtija mill-*ex warden number* 621 Antoinette Mifsud. Madanakollu, fil-fehma ta' din il-qorti dawn il-verżjonijiet mhux ta' min joqgħod fuqhom u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:

20. Il-Pulizija PS 114 Marlon Hili ħejja r-rapport tiegħu dwar l-inċident mingħajr ma sema' l-verżjoni tal-attur ta' kif seħħ l-inċident. Il-Pulizija Marlon Hili stess jikkonferma li dan qatt ma kellem lill-attur, la wara li seħħ l-inċident u lanqas meta l-attur kien rikoverat l-isptar [9]. Ir-rapport tiegħu

---

[7] www.hmpgloballearningnetwork.com Is-sit elettroniku ta' *Medline Plus* jagħti din id-definizzjoni ta' '*crush injury*': "*A crush injury occurs when excessive force or pressure is put on a body part. This type of injury most often happens when part of the body is squeezed between two heavy objects.*"

[8] Is-soċjeta` intimata setgħet tressaq provi tekniċi (mediċi) sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha. Setgħet ukoll teskuti lill-Perit Tekniku Mr. Frederick Żammit Maempel u ssaqsih jekk "*crush injury*" jistax ikun kompatibbli ma' waqa' ġo *shaft*. Madanakollu m'għamlet xejn minn dan

[9] Ara *foll*. 23, 24

nkiteb abbażi ta' dak li kien sema' mingħand nies li kienu fuq il-post u mis-*sign language* li beda jipprova jifhem li beda jgħidlu l-attur [10].

21. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel qorti tat-12 ta' Lulju 2021 il-Pulizija PS 114 Marlon Hili jgħid hekk:

> »Dr. David Harding: Inti kellimtu jiġifieri meta mort hemmhekk? Żgur kellimtu?
>
> »Xhud: Mhux lilu naħseb kellimt imma ifhimni dan ilu
>
> »Dr. David Harding: Mela lil min kellimt ?
>
> »Xhud: Naħseb xi ħaddiema li kienu hemmhekk li setgħu jitkellmu bl-ingliż.
>
> »Dr. David Harding: Jiġifieri mhux lilu.
>
> »Xhud: Niftakar li ma kienx jista' jitkellem bl-ingliż.
>
> »...
>
> »Qorti: Mela int qed tgħid li kellimtu u qallek kif ġara l-inċident, mhux lilu kellimt hux veru?
>
> »Xhud: Le lil xi ħadd li kien hemm hemmhekk.
>
> »...
>
> »Dr. David Harding: Mela, wara, jiġifieri ħadt id-dettalji kollha li qalulek huma dawn it-terzi persuni hux hekk? Inti wara l-inċident qatt mort Mater Dei jew kellimt lill-vittma?
>
> »...
>
> »Dr. David Harding: Biex tieħu l-verżjoni tiegħu?
>
> »Xhud: Le ma kontx mort naħseb
>
> »Dr. David Harding: Ma mortux?
>
> »Xhud: Le ma morniex.
>
> »Dr. David Harding: Jiġifieri intom qatt ma kellimtuh?

---

[10] L-attur ma jafx jitkellem bl-Ingliż u għalhekk ma setax jagħti l-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident lill-Pulizija. Ara *fol*. 165

»Xhud: Dirett lilu le peress li kont naf li ma jitkellimx, konna qed nipprovaw għax kont naf li ma jitkellimx bl-ingliż ma konniex morna le. Bqajna fuq ix-xhieda li kellna fuq il-post.

»...

»Dr. Louis Bianchi: Il-verżjoni li ħadt inti min-nies *third party* hux hekk? Mhux mill-vittma stess

»Xhud: Li kienu fuq il-post u mis-sign language li bdejt nipprova nifhem li beda jgħidli hu.« [11]

22. L-istess jista' jingħad għall-verżjoni tal-fatti hekk kif mogħtija mill-*ex warden number* 621 Antoinette Mifsud. Hi stess ammettiet illi ma ratux sew l-inċident għaliex kienet 'l bogħod mill-post fejn kien qiegħed jaħdem l-attur – fil-fatt kienet ħdejn il-lukanda *Phoenicia* meta seħħ l-inċident – u konsegwentement ma setgħetx tikkonferma jekk l-attur ntlaqatx mill-vann, proprjeta' tas-soċjeta` RockCut Limited. Kienet 'l bogħod wisq biex tara kif seħħ eżatt l-inċident.

23. Fix-xhieda tagħha quddiem l-ewwel qorti waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 l-*ex warden number* 621 Antoinette Mifsud qalet hekk:

»Dr. David Harding: Inti rajt il-van dieħet ġos-sinjur jiġifieri dak li waqa'?

»Xhud: Le aħna konna ndaħħlu l-ħaddiema tax-xogħol, u mbagħad għadda ħafna ħin, imbagħad rajtu naħseb jirriversja għax hu l-għajjat li tawni attenzjoni għax jiena konna noqgħodu fuq barra u naraw min jidħol u ma jipparkjawlniex li jkunu li deħlin il-Belt ma jipparkja ħadd hemmhekk.

»Dr. David Harding: Jiġifieri l-inċident per se ma rajtux?

»Xhud: Le eżatti sewwa ma rajtux.

»Dr. David Harding: Inti kull ma rajt

»Xhud: Kont distanza l-bogħod imma smajt għajjar u l-van waqaf kif għajtu waqaf...« [12]

---

[11] Ara *foll*. 128 sa 132
[12] Ara *fol*. 186

24. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew meta ma qagħdet la fuq ir-rapport tal-Pulizija Marlon Hili u lanqas fuq ix-xhieda tiegħu jew fuq dik tal-*ex warden number* 621 Antoinette Mifsud u ddeċidiet, minflok, li toqgħod fuq il-verżjoni tal-fatti hekk kif rapportati mill-attur appellat.

25. Fit-tieni lok, raġuni oħra għalfejn din il-qorti m'hijiex ser tiddipartixxi mill-konklużjoni li wasslet għaliha l-ewwel qorti dwar is-sejbien ta' responsabbilta' tas-sewwieq Joseph Psaila hija din:

26. Mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar illi s-sewwieq tat-trakk – is-Sur Joseph Psaila – kien qed jirriversja t-trakk meta laqat lill-attur[13]. L-attur għalhekk ma kienx qiegħed quddiem it-trakk meta laqtu iżda kien warajh[14]. Kellu sieq waħda - dik tan-naħa tax-xellug - 'l barra mix-*shaft* peress li kien għadu kif lesta xogħolu għal dik il-ġurnata u kien ħiereġ minn ġox-*shaft* / toqba meta ntlaqat mit-trakk [15].

27. Peress li s-sewwieq kien qed isuq b'lura – f'żona li dak iż-żmien kienet għadha "*construction site*" [16] - hu kien imissu qagħad aktar attent qabel ma beda jirriversja u jekk ma setax jara l-ambjent kollu ta' madwaru kien imissu ħa l-prekawzjoni addizzjonali li jitlob l-assistenza ta' xi ħadd biex jiggwidah waqt li kien qed jirriversja.

---

[13] Ara *foll*. 22, 23, 30, 165, 185, 186
[14] Skond l-attur it-trakk inizjalment kien ipparkjat madwar għaxar metri 'l bogħod mix-*shaft* / toqba fejn kien qed jaħdem l-attur. Ara *fol*. 22
[15] Ara *foll*. 165, 166
[16] Kif ikkonferma l-Pulizija PS 114 Marlon Hili – li mar fuq il-post fejn seħħ l-inċident ftit wara li korra l-attur – dak iż-żmien "*meta sar l-inċident kien hemm... kollox maqlugħ, kollox imwaqqa' jiġifieri ma kien hemm xejn kif hemm illum lanqas kif kien hemm qabel jiġifieri kienet qed tinbena dak li hemm illum...*" (ara *fol*. 159) L-*Ex Warden Number* 621 Antoinette Mifsud ukoll ikkonfermat illi "*hemmhekk kien għadu ħa jagħmlu l-pavimentar qed jaħdmu taħt l-art dak iż-żmien*." (ara *foll*. 185 *et seq*)

28. Kien imissu żamm “*a proper lookout”* li ġie mfisser mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-15 ta’ Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Żahra *v*. Vassallo b’dan il-mod:

> »L-obbligu ta’ proper lookout huwa korollari għall-prinċipju li sewwieq għandu l-oneru li fis-sewqan tiegħu juża dik id-diliġenza mistennija minn *bonus paterfamilias* u li hija raġjonevoli tenut kont taċ-ċirkostanzi: bħal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-viżwali u ċirkostanzi partikolari oħra li jistgħu jirrikjedu grad ta’ attenzjoni għoli mis-sewwieq.«

29. Kif tajjeb qalet l-ewwel qorti s-sewwieq tat-trakk “*la daqq hornijiet u l-anqas kellu xi sistema sonorja li tavviża sewqan bir-rivers.*” [17]

30. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern il-fatt illi ż-żona in kwistjoni ma kienet qatt maħsuba sabiex minnha jgħaddu ħafna vetturi – anzi kif jingħad aktar ‘l fuq kienet “*construction site*” b’diversi ħaddiema jeżegwixxu x-xogħlijiet neċessarji sabiex il-proġett jitlesta fi żmien determinat – ifisser illi l-livell ta’ diliġenza rikjesta s-sewwieq Joseph Psaila kien ħafna ogħla milli kieku kien qed jagħmel l-istess manuvra tar-rivers fit-triq [18].

31. Is-sewwieq tat-trakk kien imissu wkoll irriversja għal distanza li kienet assolutament meħtieġa fiċ-ċirkostanzi. Is-sewqan b’lura, minħabba d-diffikultajiet partikolari li jippreżenta, għandu jkun ristrett kemm jista’ jkun u meta jsir irid neċessarjament jiġi akkompanjat mill-prekawzjonijiet kollha indikati.

32. Il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq fil-fatt jgħid hekk dwar is-sewqan b’lura:

---

[17] Ara paġna 14 tas-sentenza appellata

[18] Ara f’dan is-sens *fol*. 207 / paġna 13 tas-sentenza appellata

»Sewqan b'lura

»**200**. Qabel treġġa' lura, kun żgur li ma jkunx hemm xi tfal jew nies jew ostakli oħra warajk...

»...

»**202.** Jekk ma tkunx tista' tara minn naħa ta' wara, fittex l-għajnuna meta tkun qed treġġa' lura.

»**203.** Treġġax lura għal distanza akbar milli jkun assolutament meħtieġ.«

33. Ir-regolament numru 81 tal-*Motor Vehicles Regulations* (S.L. 65.11) ukoll jipprovdi illi:

»No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or other vehicles on the road.«

34. Relevanti wkoll hija s-sentenza ta' din il-qorti fis-*sede* tagħha inferjuri tas-27 ta' Frar 2004 fil-kawża fl-ismijiet Grima *v.* Castillo fejn jingħad hekk:

»"Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs J. Aquilina" (12.3.61), saret riferenza għas-sentenza tal-Corte di Cassazione tal-Italja fejn ġie ritenut:

»"*La retromarcia di un autoveicolo constituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell'autoveicolo o per altra causa, non e in grado di vedere tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra. (22.12.55).*"

»Fil-manwal tad-*Department of the Environment: Driving* (ed. 1972 p. 113) taħt "What to look for" fir-reversing, hemm elenkati s-segwenti prekawzjonijiet:

»"*Always check for other traffic before you drive backwards. Make quite sure that there is nothing in your way ... check all around-forwards-behind, over both shoulders and in your mirror. If you are in any doubt, get out (or ask your passenger to do so) to make sure. Keep a good lookout all the time. You are moving backwards and always be ready to stop.*"

»Jidher għalhekk li kif driver li jkun miexi quddiem għandu l-obbligu li jżomm *a proper lookout*, hekk ukoll, jekk mhux b'mod aktar assidwu, japplika għal driver li jkun miexi b'lura.«

35. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li s-sewwieq żamm "*a proper look out*" għall-ambjent ta' madwaru. Ma kellux għarfien komplut ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri fl-inħawi immedjati tiegħu. M'eżerċitax id-diliġenza meħtieġa fiċ-ċirkostanzi sabiex jipprevedi l-inċident. [19]

36. Il-kawża prossima tal-inċident in kwistjoni għalhekk kienet il-manuvra ta' Joseph Psaila *i.e.* li qabad u rriversja l-vettura lura mingħajr ma vverifika jekk kienux qed isiru xogħlijiet fiż-żona fejn kien jinsab it-trakk u mingħajr m'aċċerta ruħu li ma kien hemm l-ebda ħaddiem / ħaddiema li kienu qed jaħdmu fil-viċinanzi li setgħu jweġġgħu bil-manuvra tiegħu.

37. Likieku s-Sur Psaila aġixxa bħala *bonus paterfamilias* u ċċekkja l-ambjent ta' madwaru qabel ma rriversja t-trakk – sabiex jaċċerta ruħu li seta' jagħmel il-manuvra in kwistjoni mingħajr ma jweġġa' hu u mingħajr ma jweġġa lil ħaddieħor – l-inċident mertu tal-każ tallum ċertament li ma kienx iseħħ.

38. L-argument tas-soċjeta` konvenuta fis-sens illi likieku "*tpoġġew... bollards jew sinjali oħra biex jirregolaw u javżaw sewwieqa illi kien qed isiru xogħlijiet minn persuna f'dik il-lokalita' u viċin ta' dan ix-shaft*" [20] għalhekk ukoll huwa legalment infondat u mhux ser jintlaqa'. Il-fatt fih innifsu li s-sewwieq tat-trakk qabad u rriversja mingħajr ma' ħares madwaru qabel ma beda jsuq b'lura *i.e.* ma żammx "*a proper look out*" qabel ma beda

---

[19] Is-sewwiq tat-trakk – is-Sur Joseph Psaila – lanqas biss tah il-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident. Fir-rapport tal-Pulizija a *fol*. 30 tal-proċess sempliċement jingħad hekk:
"*Police also spoke to person related, whom was driving the mentioned van, where he stated that he was reversing the van, where at one point he heard some screams, and when he checked he saw mentioned person in the whole [recte: hole]. He do [recte: does] not recall hitting him at any time.*"
[20] Ara paġna 3 tar-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta

jsuq b'lura, u l-fatt ukoll li beda jsuq b'lura mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji li kien obbligat li jieħu skond il-liġi qabel ma beda jirriversja, jfisser illi ankelikieku tpoġġew dawn il-*bollards* jew sinjali oħra l-inċident tallum xorta waħda x'aktarx li kien iseħħ.

39. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, l-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta huwa legalment infondat u mhux ser jintlaqa'.

40. Ngħaddu issa għat-tieni u l-aħħar aggravju tas-soċjeta` konvenuta li jolqot il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

41. Skond is-soċjeta` konvenuta f'każ li l-attur appellat huwa intitolat għal xi danni riżultanti mill-inċident "*fin-nuqqas ta' payslips u dokumentazzjoni oħra wieħed irid jistrieħ fuq id-dettalji li hemm fil-kuntratt tiegħu dwar il-paga li kien jirċievi ... fix-xahar u mhux fuq introjtu ieħor kif qed isemmi, imma ma ġab l-ebda prova dwarhom...*" [21] Issostni wkoll illi l-ammont ta' kumpens għandu jirrifletti l-fatt li l-kuntratt ta' impjieg tal-attur appellat kien għal żmien limitat. Fl-aħħar parti tat-tieni aggravju tagħha s-soċjeta` konvenuta żżid tgħid illi l-*multiplier* għandu jiġi kkalkulat fuq sitt snin u mhux fuq tmien snin kif iddeċiediet l-ewwel qorti.

42. It-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta ġie mfisser hekk:

> »Dwar id-danni li waslet għalihom l-Ewwel Qorti, l-esponenti Appellant qed jissottometti illi dawn m'humiex realistiċi u li anki f'każ illi Psaila kien il-kaġun tal-inċident ma jirriflettux dak li huwa verament dovut lil Yurukov in linea ta' danni u dana kif sejjer jiġi spjegat:
>
> »Mill-affidavit tar-Rikorrenti jirriżulta:

[21] Ara paġni 6, 7 tar-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta

»Illi huwa kien impjegat ta' kumpanija Bulgara, AM Consult & Trade Limited, liema kumpanija kienet għamlet ftehim ma' kumpanija Maltija, Rock Cut Limited, biex tissuplixxi ħaddiema barranin biex jaħdmu f'Malta. Personalment Yuruokov ma kellu l-ebda ftehim jew kuntratt mal-kumpanija Maltija.

»Yurukov għamel aċċenn għal fatt illi huwa kien f'diversi snin ħadem barra pajjiżu. Ma ressaq l-ebda prova ta' dan kif del resto ma ressaq l-ebda prova tad-dħul tiegħu ħlief xi informazzjoni miktuba allegatament minnu fuq pitazz u xi bank statements (li lanqas ma' ġew ikkonfermati minn rappreżentant tal-istess Bank)

»L-impjieg tal-appellat kien mal-kumpanija Bulgara – ara Kuntratt ta' Impjieg Dok CE tiegħu Nru. 407/05 datat 5/10/2017 Fol 98 u l-kuntratt addizzjonali indikat bħala Doc C tal-proċess, in sustanza dawn iż-żewġ kuntratti huma l-istess, ħlief illi Dok C kien modifikat għal Malta billi kienu juri ġranet ta' leave u festi pubbliċi f'Malta, eċċ. Il-fatt illi l-kuntratt kien għal żmien limitat u r-residenza tal-attur hija l-Bulgarija, hija il-paga ta' Bulgarija li trid tiġi addotta f'każ li huwa ikun intitolat għal xi danni riżultanti mill-inċident.

»Il-kuntratt eżebit juri:

a. »Li l-employer kien AM Consult and Trade OOD – kumpanija Bulgara

b. »The employer posts the worker to work as a shutter and steel fixer in Malta, workplace Rockcut Limited

c. »Start date 05/10/2017

»...

»Huwa sinifikanti illi ż-żewġ kuntratti datati 5/10/2017 juru illi l-paga mensili tar-Rikorrenti kienet sejra tkun BGN / L 550 (u cioe bir-rata ta' kambju mal-Euro ekwivalenti għal €282.00 fix-xahar). Dawn iż-żewġ dokumenti huma l-uniċi dokumenti eżebiti mill-Appellat li juru id-dħul tiegħu, li pressapoco kien ta' €3384.00 fis-sena. Għalhekk kull kalkolu li qed jiġi ibbażat fuq salarji Maltin għandu jiġi skartat – Yurukov kien qed jaħdem hawn Malta għal żmien limitat u l-impjieg tiegħu kien kollu regolat b'kuntratt Bulgaru

»...

»Għalhekk l-ammont ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti għal finijiet tal-multiplier (Para 46 tas-sentenza) ta' €23,400.00 fis-sena, kif wkoll l-ammont €5,000.00 għal finijiet ta' integrita fiżika, u €5,129.00 għal telf attwali, b'kollox €40,829.00 (lucrum cessans u damnum emergens) għandhom jiġu riveduti minn dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell, stante li Yurukov ma' ġab l-ebda prova illi dawn l-ammonti jirrappreżentaw dak li attwalment tilef u lanqas ma huma bbażati fuq il-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Huwa żgur illi l-ammont ta' €23,400.00 fis-sena li fuqu ġie addott il-multiplier ma' jirriflettix ammont ġust u in linea mal-paga attwali ta' Yurukov fis-sena 2017. L-ammont li ikkalkolat mill-Ewwel Qorti bħala bażi fil-multiplier huwa eżaġerat, difatti €23,400.00 =

LEVA 45,765.00. Il-paga medja annwali fis-sena 2022 (cioe 5 snin wara l-inċident) ġewwa l-Bulgarija skond il-Eurostat hija ta' piu o meno LEVA 23,000.00 / €11,760.00. L-ewwel Qorti kkalkolat il-paga annwali ta' Yurukov fl-2017 bħala LEVA €45,765.00 / €23,400.00 – kważi d-doppju tal-paga medja fil-Bulgarija fl-2022!!

»Għalkemm din il-paga tidher li hija waħda baxxa, wieħed irid jara fil-kuntest tal-pagi fil-Bulgarija fis-sena 2017 meta ġara l-inċident u l-attur kien qed jaħdem f'Malta. Il-paga minima fl-2017 kienet ta' BGN / LEVA 460.00 (€235.00) fix-xahar. Illum fis-sena 2022, il-paga minima fil-Bulgarija kull xahar hija ta' BGN / LEVA 780 = €399.00 – dawn il-figuri huma prodotti mill-Eurostat:

»Level of statutory minimum wage – The level of statutory minimum wages greatly varies between EU countries. As of 1 January 2017 (unless indicated otherwise), the lowest minimum wages (usually less than €500 per month) are found in the new Member States (NMS). OF these, Bulgaria applies the lowest monthly minimum wage in the EU – BGN 460 (€235).

»...

»Għalhekk u għalkemm jidher illi l-paga mensili ta' Yurokov fis-sena 2017 (LEVA 550) kienet waħda baxxa fir-realta kienet waħda tajba relattivament għal dawk imħalsin fil-Bulgarija għax kienet ftit aktar mill-paga minima mensili ta' LEVA 460 dak iż-żmien ġewwa il-Bulgarija.

»Dan l-impieg tar-rikorrenti kien wieħed limitat fiż-żmien, fis-sens illi huwa kien ġie Malta biex jaħdem għal żmien speċifiku u temporanju u ma kienx kuntratt fit-tul, difatti u kif jidher ir-Rikorrenti ma kellux karta tal-identita` Maltija u kien qed joqgħod f'appartament mikri ma' tmien persuni oħra. Skond ir-Rikorrenti huwa stess stqarr illi huwa kien qed jaħdem għall-kumpanija Rock Cut Limited u li RockCut Limited kienet biss il-workplace tiegħu (mhux l-employer) u dana kif jirriżulta mill-Kuntratt ta' Impjieg li sar ġewwa il-Bulgarija. L-istess kuntratt jispeċifika wkoll hekk:

»*The usual workplace of the employee is in the sites of the employer in the Republic of Bulgaria, which are determined by an order of the employer.*

»Din id-distinzjoni bejn il-kumpanija Bulgara u l-kumpanija Maltija hija importanti fis-sens illi r-Rikorrenti kien jitħallas mill-kumpanija Bulgara b'rati ta' paga Bulgari u mhux dawk Maltin biex b'hekk u skond il-kuntratt ta' impjieg tiegħu li ġie eżebit bħala Dok CE Fol 99 sa 103 jirriżulta illi l-impjieg beda fil-5 ta' Ottubru 2017 u li fil-klawsola Nru. 5 kien jindikat illi l-paga gross kienet 550 Leva (i.e. €282) fix-xahar.

»A skans ta' ripetizzjoni, il-kuntratt ta' impjieg Dok C Fol 25, imsemmi bħala Additional Agreement to Labour Contract No. 407/05.10.2017 jindika f'klawsola Nru. 3 wkoll il-paga mensili tar-Rikorrenti kienet Leva 550.00 + additional salary – 0.6% hija ekwivalenti għal Leva 3.3 kull xahar – Għalhekk il-paga annwali fil-munita Euro kienet fis-2017 ċirca €3,400.00.

»Meta seħħ l-inċident ir-Rikorrenti kellu 60 sena (DOB 14/12/1957) u kien qed jaħdem hawn Malta bħala “labourer” għalkemm f’pajjiżu kien ġa pensjonant.

»Il-paga tiegħu kienet titħallas mill-kumpanija Bulgara u huwa qatt ma kien irċieva xi payslips u dettalji ta’ kemm kien jiġi imnaqqas mill-paga tiegħu, dettalijiet ta’ xi overtime etc. Huwa qal biss illi kien jirċievi l-pagamenti dovuti lilu netti fil-kont bankarju tiegħu. Fin-nuqqas ta’ payslips u dokumentazzjoni oħra wieħed irid jistrieħ fuq id-dettalji li hemm fil-kuntratt tiegħu dwar il-paga li kien jirċievi, u cioe Leva 550 (i.e. €282.00) fix-xahar u mhux fuq introjtu ieħor kif qed isemmi, imma ma ġab l-ebda prova dwarhom. Dettalji tal-pagamenti li saru fil-kont bankarju tiegħu, imma l-kuntratt, payslips, rendikont mad-Dipartiment tat-Taxxi, eċċ. Ir-Rikorrenti lanqas ma ressaq jew ippreżenta b’affidavit mill-kumpanija Bulgara biex tikkonferma l-veraċita tal-kuntratt tal-impieg tiegħu fir-rigward tal-ħlas mensili li kien jirċievi. Lanqas ma jirriżulta illi d-dokumentazzjoni rilaxxat mill-Bank Bulgaru ma ġietx ikkonfermat permezz ta’ affidavit jew ikkonfermata minn xi awtorità` illi d-dokumenti kienu kopja vera tal-oriġinali.

»Fl-Affidavit addizzjonali tiegħu r-Rikorrenti (Fol. 72) sostna illi huwa kien jitħallas €6.50 fis-siegħa għax-xogħol li kien qed jagħmel f’Malta. F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti in sostenn ta’ din l-allegazzjoni, ippreżenta diversi fotokopji ta’ dokumenti bil-miktub minnu stess, fejn hemm referenza għas-sigħat illi huwa qed jgħid li ħadem minn April 2016 (Ara Fol. 76i sa Fol. 97) u wkoll Bank Statements – inċident ġara fis-27 ta’ Novembru 2017 u l-impjieg tiegħu f’Malta beda f’Ottubru 2017 – l-iskop għaliex saret referenza għad-data Marzu 2016 meta lanqas ma kien qed jaħdem f’Malta dak iż-żmien mhux spjegabbli. Huwa qed jsostni li kien qed jaħdem b’ħlas fis-siegħa ta’ €6.50 – l-ammont li qed jgħid li kien jaqla’ mhu b’ebda mod sostanzjat u pruvat. Kif ġja intqal, ir-Rikorrenti ma pproduċa l-ebda dokument uffiċjali biex juri kemm siegħat kien ħadem u kemm kien qed jitħallas; huwa eżebixxa biss Employment Agreement tiegħu Fol. 98 li fit-tieni paġna jindika taħt Kundizzjoni 5.1 illi l-paga mensili tiegħu kienet BGN 550 (monita Bulgara) fix-xahar. Għalhekk kwalsiasi komputazzjoni biex jiġu determinati danni għandhom jiġu kalkolati fuq il-paga kif indikata fil-Kuntratt ta’ Impjieg tiegħu.

»Kundizzjoni 5.2.a ikkonfermat illi *“additional remuneration for acquired work experience and professional experience in the amount of 0.6% percent per year of basic salary”*

»Referenza qed issir għall-kundizzjoni 5.7 li tgħid hekk:

»*“The remuneration in accordance with this Article 5 shall include all remuneration amounts due by the employer”*

»Referenza għal xi ħlasijiet bis-siegħa ma jirriżulta minn imkien

»Ir-Rikorrenti ma ipproduċa l-ebda dokumentazzjoni biex juri kemm tilef dħul konsegwenza tal-inċident jew xi spejjeż illi huwa għamel, difatti lanqas ma elenka d-danni attwali tiegħu. L-Ewwel Qorti injorat dana kollu u akkordat lill-attur is-somma ta’ €5129.00 mingħajr l-ebda spjegazzjoni u nonostante li l-attur ma ġab l-ebda prova.

»Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu kien għamel aċċenn għal fatt li huwa kellhu dħul annwali ta' €18,980.00 – kif tirriżulta din il-figura huwa inspjegabbli u r-Rikorrenti ma ressaq l-ebda prova biex juri kif wasal għal din is-somma u minn fejn jirriżulta illi r-Rikorrenti kien jitħallas bis-siegħa u li kien jaħdem sena sħiħa mingħajr l-ebda waqfin (tnejn u ħamsin (52) ġimgħa). Għalhekk dan il-kalkolu għandu jiġi skartat għal kollox; li kieku kien verament minnu li r-Rikorrenti kien jitħallas bis-siegħa, m'hemmx dubju illi s-sigħat li kien jaħdem kienu jiġu verifikati mill-kumpanija li kienet qed tħallsu u "recorded" b'mod illi l-kumpanija li kienet tħaddmu u li kienet responsabbli biex tagħmel il-pagament setgħat tivverifika kemm verament sigħat kien ħadem – Kif intqal ħadd ma tressaq mir-Rikorrenti biex jikkonferma dawn il-ħlasijiet u s-sigħat li allegatament ħadem ir-Rikorrenti. L-Ewwel Qorti skorrettament ħadet konsiderazzjoni ta' dan li sostna l-attur mingħajr ma ressaq l-ebda prova.

»L-esponenti qed jissottometti, u dana bla preġudizzju għal kwalsiasi kumpens għall-ħlas ta' danni dovuti lir-Rikorrenti għandhom ikunu biss ibbażati u kkalkolati fuq il-paga annwali Bulgara tas-sena 2017 u definittivament mhux fuq kriterji Maltin meta ssir referenza għad-dħul tiegħu.

»Ir-Rikorrenti Yurokov qatt ma' kien residenti Malta u ma kellu l-ebda intenzjoni li jgħix hawn Malta. Kien impjegat ta' kumpanija Bulgara li kienet qed tipprovdi ħaddiema f'Malta biex jeżegwixxu xi xogħol għall-żmien temporanju – għalhekk kwalsiasi kumpens ma għandux jiġi ikkalkolat fuq kriterji Maltin.

»<u>Multiplier</u>

»Meta seħħ l-inċident ir-Rikorrenti kellu 60 sena – skond il-ġurisprudenza attwali, partikolarment is-sentenza riċenti Maria Dolores Scerri noe vs Paul Farrugia u Mapfre Middlesea plc 506/2009/1, il-multiplier għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' sitt (6) snin u mhux ta' tmien (8) snin kif qalet l-Ewwel Qorti.

»<u>Min jallega jrid jipprova</u>

»L-esponenti sejjer jagħmel referenza, billi fil-fehma tal-esponenti l-kwistjoni kollha hija waħda ta' kredibilita` u nuqqas ta' provi da parti tar-Rikorrenti Yurokov, għall-kawża deċiża fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet Martin Mifsud et vs Marika Almerigo fejn intqal:

»*"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegaħ a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap. 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*

»Ukoll, fid-deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Zammit vs Joseph Hili, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Ġunju, 1953 insibu: "ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat."

»Għalhekk fil-kamp ċivili element neċessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bażi tal-provi prodotti

quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tiegħu. Mhux neċessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

»Jiġi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fi Frank Giordmaina Mediċi et vs William Rizzo et (deċiża 28/04/2004): *"...li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għal prinċipju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. F'każ li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur." L-attur li jallega l-inċident ma seħħx b'tort jew b'negliġenza tiegħu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċiċpju l-ieħor 'reus in excipiendo fit actor', għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali ta' l-akkuża jibqa' fuqu.*

»Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri (deċiża 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed teżamina ħsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-

»*"Jekk l-attur ma jġibx din il-prova, l-azzjoni tiegħu ma tistax ikollha eżitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – għaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-inċident ikun ġara b'tort ta' l-atturi".* Illi huwa għalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni."

»Finalment il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha stess tal-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet <u>MiddleSea Insurance p.l.c. vs Rudolph Spiteri</u> (Ċit. Nru. 1168/03 FS) li fiha ġabra ta' deċiżjonijiet fuq dan l-aspett.

»Dak li hemm u li jirriżulta minn dawn il-proċeduri huwa illi l-attur

1. »Kien involut f'inċident u weġġa'

2. »Kien u għadu residenti l-Bulgarija billi huwa ċittadin Bulgaru

3. »Li kien qed jaħdem hawn Malta b'kuntratt rilaxxat minn kumpanija Bulgara, u

4. »Li ma' ġabx l-aħjar prova ta' dan li qed jallega u qed jsostni.

»Għar-rigward ta' dak kollu li qed jippretendi r-Rikorrenti in linea ta' danni, dejjem jekk huma dovuti, huwa ma ressaq l-ebda prova; għalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta għal kollox li tasal biex tillikwida danni favur l-attur meta huwa ma ressaqx prova sodisfaċenti li sofra dawn id-danni.

»...«

43. L-attur wieġeb hekk għat-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta:

»a. Illi l-appellat kien impjegat ta' AM Consult and Trade 00D kumpanija Bulgara u l-appellat ġie ppustat hawn Malta biex jaħdem hawn Malta. Kif xehed Yurokov hu kien jaħdem 10 siegħat jew 12-il

siegħa kuljum. Kien ħaddiem speċjalizzat u għamel dan ix-xogħol ħajtu kollu ġo Russja, Ġermanja u pajjiżi oħra. Il-kumpanija Bulgara għamlet dak il-kuntratt mal-impjegati tagħhom b'dak is-salarju baxx ħalli tiffranka taxxa imma fir-realta` l-impjegati kienu mħallsin iżjed. Ħadd minn dawn l-impjegati Bulgari ser jiġu hawn Malta, jaħdmu 10 jew 12-il siegħa kuljum b'dik il-paga miżerabbli. Tawhom deadline biex ix-xogħol jitlesta qabel l-ewwel tas-sena u kellhom bil-fors jaħdmu non stop fil-weekends ukoll b'dawk is-sigħat twal. Bil-ġurament Radoslav Yurokov qal li qala' daqshekk. Kien eżebixxa pitazz, log book fejn kien jikteb kemm kien għamel xogħol kuljum u kemm qala'. Hu kien jaqla' 6.50 euro kull siegħa.

»Il-bank statements huma konfermati bil-ġurament mill-appellat u wieħed jista' minn dawn il-bank statements jara kemm kien qed jaqla'. Meta seħħ l-inċident l-appellat ma kienx pensjonant. L-appellat kien ħadem ħafna barra minn pajjiżu kien jgħix ġo Russja għax kellu mara russja u għandu tifla minn dan iż-żwieġ. Ħadem Ġermanja għax it-tifla tiegħu li hija kbira marret tgħix hemmhekk. Sistema ta' pensjoni m'hemmx ġo Russja.

»Il-kalkoli ta' kumpens li għandu jieħu ir-rikorrent hu ibbażat fuq dak li hemm fil-bank statements fix-xhieda tiegħu u fuq dak li xehed li kien jaqla# 6.50 euros kull siegħa. U konferma ta' dan hu mill-bank statements u mill-pitazz fejn kien iniżżel kemm kien jaħdem u kemm kien jaqla' kuljum. Il-Kumpanija ma tawhx payslips. Il-kalkoli li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti bħal kumpens huwa ġust u timmerita konferma sija fuq il-lucrum cessans u sija fuq id-damnum emergens.«

44. Qabel ma tqis l-argumenti li tressqu mis-soċjeta` konvenuta f'dan l-aggravju, din il-qorti ser tgħid illi ma' taqbilx mal-mod ta' kif l-ewwel qorti kklassifikat il-kumpens li jaqa' taħt il-kappa ta' *damnum emergens* u dak li jaqa' taħt il-kappa ta' *lucrum cessans*.

45. Kif ipprovdiet din il-qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet <u>Trevor Grech *v.* Lawrence Agius</u> (rik. nru. 1030/2013/1):

»48. Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Raymond Sammut v. Anthony Micallef deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015, *damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.

»49. Ifisser għalhekk li fil-kategorija tal-lucrum cessans, id-danneġġjant mhux biss għandu l-jedd li jitlob li jiġi kkumpensat għat-telf ta' salarju, meta dan ma setax jidħol għax-xogħol minħabba l-inċident jew għat-tnaqqis fis-salarju li ġarrab minħabba l-inċident (ara

Marco Joseph Bugeja v. George Fava et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Lulju, 2022); iżda d-danneġġjant jista' jfittex ukoll għall-kumpens minħabba telf ta' opportunitajiet futuri minħabba d-diżabbiltà permanenti li tkun inħolqot bl-inċident (ara Joseph Farrugia v. John Degiorgio et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).«

46. Il-kumpens mistħoqq lill-attur taħt il-kappa ta' *damnum emergens* għalhekk m'għandux jinkludi l-paga li l-attur appellat tilef għat-tmien ġimgħat li ma ħadimx wara li sofra d-diżabilita` permanenti kaġun tal-inċident. It-telf ta' paga attwali kellu jiġi klassifikat taħt il-kappa ta' *lucrum cessans* u mhux taħt il-kappa ta' *damnum emergens*.

47. B'kollox l-attur għalhekk ħaqqu elf erba' mija u disa' u tmenin euro (€1,489) bħala *damnum emergens* [22].

48. Ngħaddu issa għall-ammont likwidat mill-ewwel qorti bħala *lucrum cessans*.

49. Dwar il-paga tal-attur din il-qorti tosserva illi:

   i. Fir-risposta tiegħu għall-appell tas-soċjeta' konvenuta l-attur appellat isostni illi "*il-kumpanija bulgara għamlet dak il-kuntratt mal-impjegati tagħhom b'dak is-salarju baxx (imsemmi fil-kuntratt t'impjieg tiegħu) ħalli tiffranka taxxa imma fir-realta l-impjegati kienu imħallsin iżjed*" [23];

   ii. Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti straħet fuq id-dikjarazzjoni tal-attur appellat fl-affidavit tiegħu a *foll*. 22 *et seq* - fejn qal illi kien jaqla' paga ta' sitt euro u ħamsin ċenteżmu (€6.50) fis-siegħa għal xogħlu;

[22] €350 + €129 + €50 + €960 = €1,489. Ara paġni 16 u 17 tas-sentenza appellata
[23] Ara l-aħħar paġna (paġna 3) tar-risposta tal-appell tal-attur

iii. Fil-kuntratt t'impjieg tal-attur appellatt tal-5 t'Ottubru 2017 il-partijiet ftehmu hekk dwar il-paga dovuta lill-attur appellat:

»3. The amount of the basic and the additional remunerations of permanent nature

»Basic gross remuneration per month: 550 leva[24]

»Additional salary gained seniority and professional experience amounted to 0.6% percent per annum on the basic salary

»Frequency of payment: 2 times a month

»The employer deducts from the remuneration owed taxes and social / health security payments

»4. conditions for overtime and night work and the amount of pay

»Night work – will not be applied. The worker agrees to work overtime on the written order of the employer, including more than 48 hours a week.

»In overtime on weekdays and Saturdays remuneration due proportion in the total amount of 2 (two) times stipulated above.

»In overtime work during official holidays the remuneration is due proportion in the total amount of 2 (two) times of the named above in addition to the basic salary.

»5. The duration of the working day and working week, daily, post-daily and weekly rest days and days of public holidays in the host country

»5.1 Duration of work day – 3:00 hours

»5.2 Duration of work week – 15 hours

»5.3 Duration of daily rest – 15 minutes

»5.4 Duration of post daily rest – 11 successive hours

»5.5 Duration of weekly rest – 1 day per week

»...

**»6. Amount of paid annual leave**

»9 working days annually

»...« [25]

[24] 550 leva jiġu €281.21

50. Il-qorti tosserva qabel xejn illi jekk tassew huwa minnu dak illi jgħid l-attur stess fit-tweġiba tiegħu għall-appell illi l-paga murija fuq il-kuntratt tal-impieg hija aktar baxxa milli hija fil-verità għal għanijiet ta' evażjoni fiskali, il-qorti ma hijiex sejra taġevola evażjoni fiskali.

51. Kif ipprovdiet din il-qorti fis-sentenza reċenti tagħha tal-25 t'April 2024 fl-ismijiet Roberta Cassar *pro et noe et v.* Polidano Brothers Limited (rik.nru. 203/11/1):

> »42. ...għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi, din il-Qorti mhijiex lesta li tqis dħul li Louis Cassar ma kienx lest li jiddikjara u jħallas it-taxxa dwaru (ara ***Vincent Debrincat et v. Mary Rose mart Joseph Vella et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu, 1992 u ***George Cardona et v. Ferdinand u sive Randu Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009).
>
> »43. Tassew, min jidħol f'avventura bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk l-avventura tmurlu ħażin ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi huwa disinċentiv b'saħħtu għal min jiġih il-ħsieb li jqarraq u m'għandhiex tkun il-liġi stess li tneħħi dan id-disinċentiv għal min ikun irid iqarraq biha (ara ***Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru, 1997 u ***Mediterranean Trading Shipping Company Limited et v. Tristar Freight Services Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018).
>
> »44. Kif tajjeb poġġietha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et***, li ġiet deċiża fil-15 ta' Novembru, 2023:
>
> »«*Issir fejn issir, l-evażjoni fiskali hija dejjem inaċċettabli, bi ħsara għall-interess ġenerali u għalhekk kontra l-ordni pubbliku u l-għemil xieraq. Aktar u aktar huwa kontra l-ordni pubbliku u kull għemil xieraq, il-ħasil ta' flus li huma ġejjin minn evażjoni fiskali ... Għalkemm veru li mhuwiex xogħol dawn il-Qrati li jagħmlu dak li jagħmlu l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, tibqa' xorta waħda r-responsabbiltà ta' dawn il-Qrati li jassiguraw li kull min, intenzjonalment, jevadi t-taxxa u jirrikorri għal strutturi finanzjarji bil-għan li jipprova jagħti bixra aktar legali lil flusu, m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li meta jfiġġ il-maltemp, ser isib l-għajnuna tal-Qrati u tal-Liġi. Il-biża' li wieħed jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandha tgħin biex disswadi lin-nies in ġenerali li jwettqu negozju bil-ħsieb li jevadu t-taxxa, u għalhekk m'għandhiex tkun il-liġi stess jew inkella din il-Qorti, li b'sens ta' ħniena tneħħi dan*

[25] Ara *foll*. 26, 27

> *id-disinċentiv (Ara b'eżempju* ***George Seychell v. Spring Valley Co. Limited****, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2018, u l-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).*»
>
> »45. Din il-Qorti ma tista' tqis l-ebda forma ta' qligħ futur, li ma kienx ħa jiġi ddikjarat mal-awtoritajiet fiskali għaliex inkella l-Qorti stess tkun qiegħda tagħti l-barka tagħha biex it-taxxa ma tiġix iddikjarata. Ħaġa li m'għandhiex tkun għaliex il-Qrati tal-Ġustizzja qegħdin hemm biex jiżguraw li l-liġijiet jiġu obduti u mhux biex dawn il-liġijiet jiġu miksura. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti mhijiex lesta taħdem il-likwidazzjoni tad-danni fuq qligħ illeċitu li ma ġiex iddikjarat mal-awtoritajiet fiskali għaliex hija mhijiex lesta li tkun kompliċi f'evażjoni tat-taxxa... ... ...«

52. Madanakollu milli jidher l-evażjoni fiskali jekk tassew seħħet kienet min-naħa tas-soċjetà bulgara li magħha hu impjegat l-attur, u mhux l-attur innifsu. Fil-fatt fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma tressqu l-ebda provi li juru li s-salarju li ddikjara l-attur appellat mal-awtoritajiet relativi fl-2016 u fl-2017 kien aktar baxx mis-salarju li rċieva fil-kont bankarju tiegħu fis-snin relevanti. Din il-qorti għalhekk ma tistax tasal għall-konklużjoni li kien hemm evażjoni tat-taxxa da parti tal-attur appellat fl-assenza ta' provi kruċjali bħal dawn.

53. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk jekk kien hemm nuqqasijiet fiskali dawn seħħew da parti ta' min kien iħaddem lill-attur *i.e.* minn AM Konsult and Trade u mhux mill-istess attur. L-attur għalhekk m'għandux jiġi preġudikat fil-każ odjern minħabba aġir bħal dan li seta' kien hemm da parti ta' min kien iħaddmu.

54. Fid-dawl tas-suespost din il-qorti hija tal-fehma illi jkun ekwu u ġust li tieħu medja tal-paga li rċieva l-attur fil-kont bankarju tiegħu fil-perjodu relevanti *i.e.* bejn is-sittax ta' Marzu 2016 u l-aħħar ta' Novembru 2017.

55. Wara li din il-qorti għamlet il-kalkoli tagħha u qieset il-paga li rċieva l-attur appellat fil-kont bankarju tiegħu bejn is-16 ta' Marzu 2016 sal-aħħar ta'

Novembru 2017 jidher li l-attur appellat kien jirċievi paga medja ta' €1,217.30 fix-xahar [26] li jiġu €14,607.6 fis-sena.

56. Kif ipprovdiet l-ewwel qorti [27] dan l-ammont għandu jiżdied b'6% biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni.

57. L-ammont mistħoqq lill-attur bħala *lucrum cessans* għalhekk ser jiġi kkalkulat fuq salarju medju annwali ta' ≈ €15,500 fis-sena [28].

58. B'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll illi l-fatt li l-attur nġieb Malta sabiex jaħdem fuq proġett partikolari ġewwa Pjazza Tritoni ġewwa l-Furjana – u konsegwentement ma kienx beħsiebu jibqa' jaħdem hawn Malta għal dejjem - m'hu tal-ebda rilevanza għall-finijiet tad-danni dovuti lill-attur fil-każ odjern. L-attur korra waqt il-ħin tax-xogħol; sofra diżabilita` permanenti li għadu qed isofri l-konsegwenzi tagħha sal-ġurnata tallum [29] u

---

[26] B'kollox, mis-16 ta' Marzu 2016 sal-aħħar ta' Novembru 2017 (*i.e.* għal perjodu ta' għoxrin xahar u nofs) l-attur irċieva €24,954.75 fil-kont bankarju tiegħu; €24,954.75 / 20.5 = €1,217.30 fix-xahar

[27] Minn din il-parti tas-sentenza appellata ma sar l-ebda appell

[28] 6% x €14,607.6 = €876.46; €14,607.6 + €876.46 = €15,484.06

[29] Ara *foll*. 23, 24, 169. Ara wkoll ir-rapport tal-konsulent Mr Massimo Abela a *fol*. 36 tal-proċess fejn jgħid hekk:

"*Mr. Yurukov continues to mobilise with the aid of two elbow crutches. He complains of intractable pain localised to the left leg and anke. The pain is exacerbated by weight bearing activities. He finds it difficult to go up and down stairs and claims that the left food feels numb...*"

Fir-rapport tiegħu a *fol*. 39 tal-proċess il-konsulent Mr. Massimo Abela jkompli jgħid hekk:

"*Mr. Yurukov is not able to mobilise unless he uses two elbow crutches. He has significant functional limitations, extensive scarring in the leg, persistent pain and stiffness in the ankle and subtalar joints...*"

Il-konsulent Mr. Frederick Zammit Maempel ukoll ikkonferma li l-attur appellat baqa' juża l-krozzi biex jimxi u li minn dakinhar tal-inċident ma ħadimx aktar. Fir-rapport tiegħu a *fol*. 146, 147 fost affarijiet oħra jgħid hekk:

"*... ... ... Fil-preżent waqqaf kull tip ta' mediċina, pero' baqa juża l-krozzi biex jimxi.*
*...*
*...*

għaldaqstant il-fatt li kien qiegħed jaħdem hawn Malta għal żmien relattivament qasir m'hu ta' l-ebda relevanza għall-finijiet tad-danni dovuti lilu bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident.

59. Dwar il-*multiplier* is-soċjeta` konvenuta ssostni illi għandu jiġi addottat *multiplier* ta' sitt snin u mhux ta' tmien snin kif qalet l-ewwel qorti.

60. L-ewwel qorti qalet hekk dwar il-*multiplier*:

> »**38.** Dawn is-sentenzi kollha jistabilixxu li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuq dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Bħal ma persuna ta' eta' żgħira li pero' tkun afflitta b'multipliċita' ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja imnaqqsa, hekk ukoll persuna li jkollha eta' pjuttost avvanzata minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel akkadut jista' jkollha din l-aspettattiva prolungata lil hinn mill-eta' ta' 65 sena.
>
> »**39.** Il-Qorti tqies li l-Attur, qabel l-inċident kien għadu f'saħħtu minkejja l-eta' ta' 60 sena u li kien jidher li ser ikompli jaħdem. Għalhekk il-multiplier li ser tuża l-Qorti fiċ-ċirkostanzi huwa dak ta' tmienja u sittin sena... ... ...« [30]

61. Is-soċjeta` konvenuta ma fissret bl-ebda mod għaliex għandu jiġi applikat *multiplier* ta' sitt snin u mhux ta' tmien snin. Tiċċita biss is-sentenza fl-ismijiet Maria Dolores Scerri *noe v.* Paul Farrugia *et* (rik. nru. 506/2009/1) fejn din il-qorti (diversament komposta) rreferiet għaċ-*chart* / għat-tabella li kienet saret mill-Imħallef Lino Farrugia Sacco bl-intiża li jkun hemm uniformita` f'kawżi bħal din odjerna u li sussegwentement ġiet riveduta minnu stess.

---

...
*Yurukov jimxi bil-ħeffa u mingħajr ma zappap meta juża l-krozzi. Meta mexa mingħajr krozzi huwa zappap u lmenta minn uġigħ taħt is-seba' l-kbir u t-tieni wieħed."*

[30] Ara paġna 22 tas-sentenza appellata

62. Skond l-imsemmija tabella jew *chart* kif riveduta għall-*age bracket* tal-attur *i.e.* għall-vittmi li jkollhom sitta u ħamsin (56) sena jew aktar meta jseħħ l-inċident, għandu jiġi applikat *multiplier* ta' sitt (6) snin.

63. Madanakollu, din il-qorti hija tal-fehma illi l-*multiplier* addottat mill-ewwel qorti *i.e.* dak ta' tmien snin, huwa aktar xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ peress illi:

    i. M'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li l-qorti jkollha quddiemha;

    ii. Qabel l-inċident l-attur appellat kien għadu f'saħħtu minkejja li kellu l-eta` ta' sittin sena. Fil-fatt qabel l-inċident kien jaħdem sigħat twal [31] għalkemm ma kienx żgħir fl-eta` u minkejja li x-xogħol tiegħu kien jinvolvi element ta' strapazz;

    iii. Il-ħajja lavorattiva biż-żmien dejjem qed titwal. Aktar nies qed jibqgħu jaħdmu, anke wara li jagħlqu ħamsa u sittin sena;

    iv. Fir-rikors tal-appell tagħha s-soċjeta` konvenuta ma fissritx għalfejn il-*multiplier* kif imħaddan mill-Ewwel Qorti għandu jonqos għal sitt (6) snin.

64. Multiplier ta' tmien (8) snin għalhekk ser jiġi addottat fil-każ tallum.

65. Dwar it-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti illi "*stante li l-Kawża ilha pendenti għal aktar minn tlett snin ...*

[31] Ara *foll*. 75 *et seq*

*l-ammont ta' tmintax fil-mija (18%) lump sum payment għandu jkun adegwat.*" [32]

66. Peress li leħqu għaddew madwar seba' (7) snin mid-data meta seħħ l-inċident [33] l-attur appellat m'hu ser jitħallas l-ebda *lump sum* bil-quddiem iżda ser jitħallas dan l-ammont wara li kważi għadda il-perjodu kollu tal-*multiplier i.e.* dak ta' tmien (8) snin mid-data meta seħħ l-inċident.

67. Għal din ir-raġuni din il-qorti hija tal-fehma illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mis-somma dovuta lill-attur appellat peress li ser jitħallas dan l-ammont ser jitħallas f'daqqa, bħala *lump sum*.

68. Trattati dawn il-punti, jonqos issa li din il-qorti tipproċedi billi tillikwida l-ammont ta' danni dovuti lill-attur bħala *lucrum cessans*.

69. Id-danni in linea ta' *lucrum cessans* bil-mod kif ħadmithom l-ewwel Qorti, iżda b'salarju medju annwali ta' ≈ €15,500 fis-sena jiġu hekk:

€15,500 (salarju medju annwali [34]) x 8 (*multiplier*) x 20% (diżabilita` permanenti) = €24,800

Jifdal għalhekk **€24,800**

70. Ma' dan l-ammont irid jiżdied l-ammont ta' €5,000 - li l-ewwel qorti llikwidat għall-integrita' fiżika tal-attur appellat [35] - u l-kumpens likwidat minn din il-qorti bħala *damnum emergens* - li jammonta għal €1,489 [36].

---

[32] Ara paġna 22 tas-sentenza appellata
[33] L-inċident seħħ fis-27 ta' Novembru 2017
[34] Ara *para*. 57 *supra*

71. B'kollox, għalhekk, l-ammont globali dovut lill-attur bħala *damnum emergens* u bħala *lucrum cessans* jammonta għal **€31,289**.

72. Din il-qorti għalhekk qiegħda tnaqqas l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel qorti bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans* minn €43,246 għal €31,289.

73. It-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta għalhekk ser jintlaqa' fis-sens hawn fuq imfisser.

74. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija din il-qorti tilqa' parzjalment l-appell tas-soċjeta` konvenuta u tvarja s-sentenza appellata tal-ewwel qorti billi tnaqqas l-ammont ta' danni minn €43,246 għal €31,289. Tikkonfermaha fil-bqija.

75. L-ispejjeż tal-appell tallum jitħallsu nofshom mis-soċjeta` konvenuta u n-nofs l-ieħor tal-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. Dawk tal-ewwel istanza jitħallsu hekk kif ordnat l-ewwel qorti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da

[35] Ara paġni 24 u 25 tas-sentenza appellata. Ma kien hemm l-ebda appell minn din il-parti tas-sentenza appellata
[36] Ara *para*. 47 *supra*